MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum is-17 ta' Diċembru, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 1916/2018/1 LM

**Union Ħaddiema Magħqudin (Voice of the Workers)**

***vs.***

**Gozo Channel (Operations) Limited u Executive Security Services Limited**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Union Ħaddiema Magħqudin (Voice of the Workers)** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") li ġie ppreżentat fis-27 ta' Novembru, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm lill-intimati jew min minnhom milli jibda/jibdew u/jew ikompli/u*

(a) *Jaqta' u jnaqqas mill-paga perċepita mill-ħaddiema tal-Executive Security Services Limited assenjati xogħol mal-Gozo Channel (Operations) Limited bħala cabin attendants u baħrin u li qegħdin jobdu direttiva leġittima tal-Union rikorrenti;*
(b) *Jordnaw illi l-ħaddiema tal-Executive Security Services Limited illi qegħdin jobdu d-direttivi leġittimi tal-Union rikorrenti milli* joħorġu *on forced leave, u*
(c) *Jħallu barra lill-ħaddiema tal-Executive Security Services Limited li qed jobdu direttivi leġittimi tal-Union rikorrenti mir-roster* [sic] *ta' kull ġimgħa li toħroġ mill-Gozo Channel (Operations) Limited għal cabin attendants u baħrin, u dan anke billi dan il-Mandat jiġi milqugħ provviżorjament.*

*U dan peress:*

1) *Illi l-Union esponenti tirrappreżenta l-interessi tal-ħaddiema impjegati tal-Executive Security Services Limited, (ESSL), senjatament u fosthom dawk il-ħaddiema illi qegħdin jiġu assenjati biex jaħdmu ta' cabin attendants u baħrin mal-kumpannija Gozo Channel (Operations) Limited (GCOL).*
2) *Illi dan tagħmlu għaliex il-ħaddiema msemmija u membri tal-Union Ħaddiema Magħqudin – Voice of the Workers (UĦM) għandhom dritt sanċit anke bl-Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitkellem appuntu fuq il-protezzjoni tal-libertà u għaqda ta' assoċjazzjoni inkluż fi trade union.*
3) *Illi fix-xhur li għaddew, il-ħaddiema membri tal-UĦM impjegati mal-kumpannija ESSL u li qed jiġu assenjati jagħmlu xogħol ta' cabin attendants u baħrin mal-kumpannija GCOL irrikorrew appuntu għand il-UĦM għaliex il-paga minnhom perċepita, komparata mal-ħaddiema simili tagħhom tas-soċjetà GCOL, hija anqas anke jekk huma jagħmlu l-istess xogħol qua cabin attendants u baħrin mal-istess kumpanija GCOL.*
4) *Illi l-Union rikorrenti immedjatament ħadet bis-serjetà dan l-istat ta' illegalità u preġudizzjali għall-ħaddiema membri tagħha u b'sens ta' responsabbilità ittentat immedjatament tidħol f'negozjati mal-kumpanniji kkonċernati, illi però spikkat fihom in-nuqqas ta' kooperazzjoni, kif anke jixhdu l-iskambju ta' korrispondenza illi qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. A.*
5) *Illi min-naħa tal-kumpannija GCOL, din ħadet il-pożizzjoni li l-ħaddiema mhux tagħha u tista' biss timmedja, filwaqt illi min-naħa tal-kumpannija ESSL kien jispikka n-nuqqas kbir ta' kooperazzjoni u attenzjoni għall-materja de quo u ma wriet ebda intenzjoni illi tirrimedja l-inġustizzja sofferta mill-ħaddiema tagħha membri tal-UĦM.*

6) *Illi fl-isfond ta' nuqqas ta' soluzzjoni, il-UĦM kienet leġittima illi tirrikorri għal azzjonijiet industrijali fl-interess tal-membri tagħha.*
7) *Illi minn dan l-iskambju ta' korrispondenza, jirriżulta ċar fost oħrajn, is-sewgenti fatti:*

*Fis-6 ta' Awwissu, 2018, il-UĦM, wara ħafna interpellazzjonijiet li ma wasslu imkien, irreġistrat tilwima industrijali mal-intimati, u b'dan ġiet anke mgħarrfa id-Direttur tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali (DIER);*

*It-tilwima kienet tikkonċerna lil cabin attendants u baħrin fuq il-vapuri tal-Gozo Channel u impjegati mal-kumpannija ESSL;*

*Fl-14 ta' Awwissu, 2018 ġimgħa wara, għax ħadd ma kien ħa interess, il-UĦM bagħtet reminder;*

*Jirriżulta illi saru xi laqgħat sporadiċi li ma ħallew ebda frott u soluzzjoni anke għaliex daqqa ma jattendux rappreżentanti tal-GCOL u daqqa dawk tal-ESSL;*

*Jirriżulta aktar minn hekk, in-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti taż-żewġ entitajiet intimati sabiex tinstab soluzzjoni, fejn kien evidenti l-konkord informali bejniethom biex ma tinstabx soluzzjoni.*

*Fis-16 ta' Settembru, 2018, il-UĦM avżat illi kienet qed tagħti direttivi speċifiċi lill-membri tagħha, ossia:*

- *Illi cabin attendants ma jnaddfux u ma jidħlux fit-toilets, u,*
- *L-baħrin ma jorbtux u ma jinżlux fil-garaxx.*

*Imma minn imkien ma jirriżulta illi l-ħaddiema kienu qed jintalbu biex ma jattendux għax-xogħol u anzi, jirriżulta illi l-bqija tad-doveri vasti tagħhom kellhom jibqgħu jingħataw u hekk kien qed isir.*

*Fit-18 ta' Settembru, 2018, id-DIER iddikjarat b'mod ċar u espress illi l-ħaddiema de quo membri tal-Union mittenti u li kienu qed jobdu d-direttivi tal-UĦM kienu qed jiġu diskriminati u ddikjarat illi, "the applicable law to the present case appears to be the Temporary Agency Workers Regulations (SL 452.106). By virtue of the said law, the basic working and employment conditions of temporary agency workers shall be, for the duration of their assignment at a user*

*undertaking, at least those that would apply if they had been recruited directly by the user undertaking to occupy the same job (regulation 4 (1)). The applicable conditions due to the temporary employees would be those regulated by law or by any applicable Collective Agreement in that user undertaking. The law imposes this obligation on the agency employing these employees, as the agency ‘shall be considered the employer of the temporary agency worker” (regulation 3(2)).”*

8) *Illi għalhekk, awtorità kompetenti bħal ma huwa d-DIER, iddikjarat ir-raġun għall-pendenza li ressqet il-UĦM għan-nom tal-membri tagħha u qalet ċar u espressament kif u x’għandu jsir biex it-trattament diskriminatorju jiġi rimedjat.*
9) *Illi l-kumpanniji intimati ma għamlu xejn sabiex jirrisolvu l-pendenza, anzi, b’kooperazzjoni bejniethom għażlu illi jagħmlu atti illeċiti u diskriminatorji sabiex il-ħaddiema membri tal-UĦM li leġittimament qed jobdu d-direttivi, jiġu kkastigati. B’hekk, b’mod leġittimu il-UĦM tat struzzjonijiet lil ħaddiema membri tagħha fil-11 ta’ Novembru, 2018, biex jirrapportaw għax-xogħol u jagħmlu l-ġurnata tax-xogħol tagħhom, b’dan però illi*

    - *Il-baħrin ma jorbtux, ma joperawx is-side ramp, ma jiġbrux boroż ta’ skart u ma jilbsux l-uniformi jekk ma ngħatawx uniformi sħiħa, filwaqt,*
    - *Illi l-cabin attendants ma jnaddfux toilets, ma jiġbrux boroż ta’ skart u ma jilbsux l-uniformi jekk ma ngħatawx l-uniformi sħiħa.*

10) *Minflok ma jaderixxu ruħhom mal-istruzzjoni ċara li tat id-DIER, is-soċjetajiet intimati jirreaġixxu billi ma jagħtux każ, u aktar minn hekk, jirreaġixxu bl-aktar aġir irresponsabbli, illegali, diskriminatorju u abbużiv li qed jiġi ttentat illi jitwaqqaf bit-talba tal-Mandat odjern.*
11) *Illi s-soċjetajiet intimati baqgħu jippersistu fl-illegalità u agħar minn hekk, irreaġixxew b’għamla ta’ ritorsjoni kontra l-ħaddiema, de quo talli huma qegħdin isegwu direttiva ta’ azzjoni industrijali tal-Union tagħhom, u filwaqt illi l-kumpannija intimata ESSL qegħda issa tordna lill-ħaddiema de quo fuq forced leave, il-kumpannija intimata l-oħra GCOL mhux tinkludi lill-ħaddiema de quo fir-rosters ta’ kull ġimgħa, biex b’hekk jeskluduhom mix-xogħol, iwaqqfulhom ix-xogħol u dan kollu b’konsegwenza u detriment anke finanzjarju lill-ħaddiema de quo, imma fuq kollox, b’konsegwenza preġudizzjali lill-Union mittenti illi għandha dritt leġittimu illi torganizza lill-ħaddiema u tmexxi 'l quddiem kawża industrijali tagħhom sabiex ikun eliminat trattament diskriminatorju illi huma qegħdin isofru.*

12) *Illi l-aġir taż-żewġ kumpanniji intimati huma ritaljazzjoni illeċita, illegali u abbużiva, ritorsjoni għal dak ordnat b'mod leġittimu u legali mill-UĦM, u filwaqt illi l-UĦM għamlet dak kollu lilha permess bil-liġi, il-kumpannija intimati irritaljaw b'dak illi l-liġi ma tridx, ossia, aġir diskriminatorju, aġir ta' tpattija, aġir illegali u aġir abbużiv fil-konfront tal-membri tal-Union rikorrenti u fil-konfront tal-istess Union rikorrenti.*
13) *Illi mhux sewwa, ma għandux mill-ġustizzja u huwa illeċitu u jimpinġi bl-aktar mod assolut fuq id-dritt ta' assoċjazzjoni u d-drittijiet tal-Union rikorrenti jekk titwessa l-prassi industrijali illi ħaddiem ma jitħallasx meta u jekk ma jirrapportax għax-xogħol meta fuq strike, sabiex tiġi estiża għal sitwazzjoni meta ll-ħaddiem qiegħed jirrapporta għax-xogħol b'mod regolari, jiffirma, jippanċja, ikun għall-ħin kollu tax-xogħol għas-servizz tal-prinċipal tiegħu, jaqdi d-doveri tiegħu iżda jobdi ordni leġittima tal-Union tiegħu kif hawn fuq spjegat, billi tirristrinġi limitatament il-ġurnata lavorattiva tal-ħaddiem.*
14) *Illi huwa ċertament aġir abbużiv illi jkun hemm ftehim u koordinazzjoni bejn is-soċjetajiet intimati GCOL u ESSL sabiex il-ħaddiema li qed jobdu d-direttivi tal-UĦM jiġu esklużi mir-roster bil-konsegwenza illi huma ma jingħatawx ġranet tax-xogħol u konsegwentement ma jirċevux ħlas ta' paga huwa ċertament aġir skorrett u illeċitu li jippreġudika anke lill-Union mittenti illi għandha d-dritt u d-dover, fuq kollox fejn jirriżultaw inġustizzji u illegalitajiet fil-konfront tal-membri tagħha, illi titkellem u taġixxi bl-għodda li ttiha l-liġi. Għaliex jekk ma jiġix protett dan id-dritt, allura tassew jintilef dak kollu li l-liġi trid u tipproteġi fil-ħidma tat-trade unions Maltin. Dak li qed isir mis-soċjetajiet intimati huwa attakk dirett fuq il-Union mittenti li l-liġi ma tippermettix.*
15) *Illi, ma hemmx dubbju illi almenu, fuq livell prima facie, ir-rikorrenti għandhom jedd illi jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom sabiex il-pożizzjoni tagħhom ma titgħarraqx u sabiex isir l-istħarriġ kollu li hemm bżonn mill-Qorti li għandha tiddeċiedi l-mertu dwar il-fondatezza tal-każ tagħhom u dwr kwalsiasi difiża li jistgħu jagħtu l-intimati. Għax it-tkomplija tal-vittimizzazzjoni, ritorsjoni u trattament illeċitu minnha sofferta manifestata wkoll fl-ordni illi l-membri tagħha jiġu ordnati mill-ESSL jieħdu forced leave u jitħallew barra mir-rosters magħmula mill-GCOL ma hemmx dubbju illi għandha effett dirett[1] fuq il-Union rikorrenti u r-rwol tagħha f'soċjetà ċivili u demokratika.*
16) *Illi ssir referenza għal sitwazzjoni simili ħafna għal din odjerna, u d-digriet tal-Onorabbli Qorti Prim Awla fil-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet* ***Buttigieg***

[1] Vide Digriet tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 147/2016 JZM: **UĦM et *vs.* Kummissarju Taxxi Interni** fuq materja simili.

***et vs. Rapa***[2] *fejn l-Onorabbli Qorti, waqt illi laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat, qalet:*

*"Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*

*Tqis li l-liġi trid li prinċipal ma jiddiskrimina bl-ebda mod ma' ħaddiem li jkun qiegħed isegwi direttiva ta' azzjoni industrijali bil-ħsieb li jkun hemm jew titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xogħol, sakemm dik l-azzjoni ma ssirx bi ksur tal-ftehim kollettiv jew ftehim industrijali volontarju, u li ebda għemil bħal dak ma jitqies li huwa interruzzjoni fis-servizz ta' dak il-ħaddiem.*

*Il-jedd ta' trade union li tirreġistra tilwima ta' xogħol u li tagħti direttivi ta' azzjoni industrijali ma jiddependux fuq jekk tali Union tgawdix l-għarfien priniċpali.*

*U f'ċirkostanzi simili fejn il-ħaddiema hemmhekk irrapportaw għax-xogħol imma obdew struzzjonijiet mogħtija lilhom mill-Union, u tnaqqsitilhom il-paga, il-Qorti qalet:*

*Jidher mad-daqqa t'għajn li l-miżura li minnha jilmentaw ir-rikorrenti f'dan il-mandat hija waħda li l-liġi ma jidhirx illi tappoġġja, għaliex hija għamla ta' ritorsjoni talli huma qegħdin isegwu direttiva ta' azzjonijiet industrijali tal-Union tagħhom.*

*17) Fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors fl-ismijiet **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici**, datata 25 ta' Jannar, 2005, il-Qorti saħqet:*

> *"Illi bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet."*

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti, u abbażi ta' dak kollu hawn fuq espost, din l-Onorrabbli Qorti ma għandu jibqala' ebda dubju illi r-rekwiżiti hawn fuq ċitati ġew sodisfatti.*

[2] 1872/16JRM: **Deborah Anne Buttigieg et *vs.* Joseph Rapa** et – 03.01.2017.

*Dwar it-tieni rekwiżit, huwa ċar illi anke d-DIER esprimiet, bil-kitba u fl-istess sfond tal-materja de quo, illi l-ħaddiema membri tal-UĦM qed isofru inġustizzja, u kwindi, una volta stabbilit li aderixxiet mal-ftehim kollettiv u l-prassi industrijali, kienet leġittima illi tirreġistra tilwima industrijali u tagħti dawk id-direttivi kollha in segwitu għall-istess tilwima.*

*Dwar l-ewwel rekwiżit, jirriżulta ċar illi l-Mandat huwa neċesarju għaliex jekk dan ma jintlaqax, allura jkun ifisser illi jkunu qegħdin jingħataw raġun u libsa legali azzjonijiet illeċiti u ta' ritorsjoni illi l-kumpanniji intimati qegħdin jagħmlu biex jilqgħu u jopponu d-direttivi leġittimi ordnati, fuq kollox biex jagħlqu ħalq Union li bil-liġi, hija tenuta obbligata tmexxi 'l quddiem tilwima industrijali jekk hemm raġuni valida għal dan, kif stabbiliet illi hemm.*

*Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex sakemm dan il-Mandat jiġi degretat b'mod definittiv, jogħġobha TILQA' PROVVIŻORJAMENT, l-istess Mandat.*

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Novembru, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat illi l-intimata **Gozo Channel (Operations) Limited** (minn issa 'l quddiem is-soċjetà intimata "GCOL") ġiet debitament notifikata bir-Rikors fit-28 ta' Novembru, 2018.

Rat ir-Risposta ta' Gozo Channel (Operations) Limited, ippreżentata fit-30 ta' Novembru, 2018, li tgħid kif ġej:

*Illi il-kumpannija intimata ġiet notifikata bir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern u bid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Novembru, 2018;*

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti trade union, Union Ħaddiema Magħqudin (Voice of the Workers) (minn hawn 'il quddiem "Rikorrenti"), fil-konfront tal-kumpannija esponenti huma infondati fil-fatt u id-dritt;*

*Illi, kif sejra tissottometti f'din ir-risposta u fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, it-talbiet tar-Rikorrenti fil-konfront tal-kumpannija esponenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess unjin Rikorrenti;*

## *A. FATTI*

1. *Illi, kif tajjeb qalet il-unjin rikorrenti diversi xhur ilu l-kumpannija intimata kienet ir-reċipjenti ta' 'notice' ta' tilwima industrijali li kienet qiegħda tiġi rreġistrata anke mad-Dipartiment tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali (DIER) dwar il-pagi u l-ħlasijiet li kienu qed isiru minn kuntrattur tal-kumpanijna intimata u ċioe Executive Security Services Limited, liema kumpannija tissupplixxi ċertu ħaddiema lill-kumpannija intimata a bażi ta' ftehim li ntlaħaq ma' din il-kumpannija f'Lulju ta' din is-sena (2018);*

2. *Illi, il-kumpannija intimata dejjem sostniet li t-tilwima industrijali m'għandhiex tkun indirizzata lill-Gozo Channel iżda lill-kuntrattur bħala entità li tħaddem u tħallas il-membri tal-unjin;*

3. *Illi, għandu jingħad ukoll li l-unjin mhijiex qed tgħid il-verità meta tgħid li kien hemm nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-kumpannija intimata għaliex il-kumpannija esponenti attendiet għad-diversi 'conciliation meetings' quddiem id-Direttur tax-Xogħol biex tipprova ssolvi s-sitwazzjoni u kienet il-kumpannija stess li ħeġġet lid-Direttur tax-Xogħol biex toħroġ b'deċiżjoni bil-miktub dwar il-kwistjoni li kienet għaddejja biex il-pożizzjoni legali tal-ħaddiema kkonċernati tkun ċara. Semmai dan l-argument għandu jiġi indirizzat lejn il-kuntrattur bħala principal tal-ħaddiema rappreżentati mill-unjin;*

4. *Illi, id-Direttriċi tax-Xogħol stess, permezz ta' messaġġ elettroniku mibgħut lill-partijiet fit-18 ta' Settembru, 2018, ikkonfermat li r-responsabbilità legali għall-ilmenti tal-unjin kienet fuq il-kuntrattur li jikkwalifika bħala 'aġenzija tax-xogħol temporanju' kif definit skont ir-Regolamenti dwar ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija (AL 461 tas-sena 2010) u mhux fuq il-kumpannija esponenti li kellha*

*biss konnessjoni kuntrattwali mal-kuntrattur ESSL (vide punt 7 tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern).*

5. *Illi, għalhekk, preliminarjament, u mingħajr preġudizzju fil-mertu prima facie, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talba fil-konfront tal-kumpannija esponenti għaliex (a) il-kumpannija esponenti m'għandhiex relazzjoni ġuridika jew legali mar-rikorrenti għaliex mhijiex il-prinċipal tal-ħaddiema konċernati u għaliex (b) ir-responsabbilità għal kwalunkwe ħlas jew teħid ta' 'leave' jew 'forced leave' mhijiex responsabbilità tal-kumpannija esponenti u għalhekk huwa impossibbli li josservaw kwalunkwe direzzjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward;*

6. *Illi, għaldaqstant, l-esponenti ser jiffukaw fuq it-tielet talba tal-unjin rikorrenti li hija l-unika talba fejn jistgħu jiġu indirettament affettwati mid-deċiżjoni tal-Qorti fuq il-mertu ta' dan il-mandat;*

7. *Illi, fit-tielet talba, l-unjin rikorrenti qed titlob biex il-kumpannija intimata tinżamm milli jibdew jew jitkomplu 'jħallu barra lill-ħaddiema tal-Executive Security Services Limited li qed jobdu direttivi leġittimi tal-Union rikorrenti mir-roster ta' kull ġimgħa li toħroġ mill-Gozo Channel (Operations) Limited għal cabin attendants u baħrin."*

8. *Illi, proprju, dwar din it-talba, id-deċiżjonjiet tal-Qrati Maltin dwar il-mandati ta' inibizzjoni qalu li,*

*"l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Billi l-liġi teħtieġ li r-rikorrenti jissodisfa żewġ kriterji biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni: - L-ewwel kriterju li jrid jissodisfa hu li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju;*

*It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li għandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iż-żewġ kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat (Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 – **"Mary Borg vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet"** – P.A. (JRM) – 15 ta' Diċembru, 2008; **"The Golden Shephard Group Limited vs. Enemalta Corporation"** (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu, 2009);*

*Premess ukoll li din hija miżura ta' natura eċċezzjonali (**"Grech proprio et nomine vs. Manfré"** – A.C. – 14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290), b'dan li dejjem hemm il-biżgħa li jekk ma jinħariġx tali mandat id-dritt tar-rikorrent jintilef għal dejjem ("**40, Main Street Catering Establishment Limited vs. L-Awtorità tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – 2 ta' Novembru, 2010).*

*Inoltre l-kriterji stabbiliti huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju isir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita." (**Inġinier Jos. A. Agius vs. GO plc** (19 ta' Mejju, 2013) (Mandat numru 779/2013/1):*

9. *Illi, fil-każ li t-tielet talba ma tintlaqax ma jeżisti l-ebda preġudizzju irrimedjabbli li l-impjegati jistgħu jsofru u huwa l-obbligu ġuridiku tar-rikorrent li jipprova l-irrimedjabbilità a bażi prima facie;*

10. *Illi, anke jekk għall-grazzja tal-argument il-ħaddiema kkonċernati għandhom tilwima dwar l-impjieg tagħhom, din it-tilwima għandha tiġi indirizzata kontra l-prinċipal tagħhom u jistgħu jirreferu din it-tilwima industrijali quddiem it-Tribunal Industrijali in kwantu tali Tribunal huwa speċjalizzat sabiex jagħti dawk ir-rimedji neċessarji skont il-Kapitolu 452 u skont ir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar Ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija;*

11. *Għalhekk, kif qalet il-Qorti fis-sentenza ta' Inġinier **Jos. A. Agius vs. GO plc** surriferita, "hu paċifiku del resto li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax jinħareġ il-Mandat jekk il-ħsara lamentata mir-rikorrent tkun tista' tiġi rimedjata mod ieħor.*

12. *Illi huwa wkoll risaput li mandat ta' inibizzjoni huwa mandat li għandu jindirizza biss dak li għadu ma sarx u għalhekk kull azzjoni passata tal-kumpannija esponenti żgur li ma tistax tiġi sindakata mill-Qorti għal dak li huwa l-konferma ta' dan il-mandat;*

13. *Illi, barra minn hekk, il-kumpannija esponenti qed tiddikjara li m'għandha l-ebda problema li ddaħħal fir-roster impjegati tal-kuntrattur li qed jobdu direttivi tal-unjin tagħhom, anke jekk dawn m'humiex qed jagħmlu xogħolhom skont il-ftehim pattwit mal-kuntrattur ma' min huma impjegati. Tant hu hekk, li l-kumpannija*

*kompliet iddaħħal il-'cleaners' u ċertu baħrin oħra li lesti jorbtu l-vapur, però mhux lesti jilbsu l-uniformi u/jew jiġbru l-boroż tal-iskart kif diretti mill-unjin. Iżda il-kumpannija, li mhijiex il-prinċipal ta' dawn il-ħaddiema u li għandha biss rabta kuntrattwali mal-kuntrattur, m'għandhiex tkun marbuta li ddaħħal il-baħrin li ma jridux jorbtu fuq ir-roster tagħhom għaliex huwa pattwit biċ-ċar mal-kuntrattur li l-baħrin li jintbagħtu mill-kuntrattur għandhom id-dmir li jorbtu l-vapur u li jekk ma jagħmlux dan, il-kumpannija esponenti jkollha d-dritt li ma ddaħħalx dawk il-ħaddiema jaħdmu fuq il-vapur;*

14. *Illi, il-provvedimenti kuntrattwali mal-kuntrattur qegħdin hemm proprju biex jissalvagwardjaw is-servizz pubbliku li tagħti l-kumpannija u għalhekk il-kumpannija esponenti m'għandhiex tkun obbligata biex taċċetta li l-kuntrattur jissupplixxi ħaddiema tal-kuntrattur li mhumiex lesti jorbtu l-vapur;*

15. *Illi, b'kull rispett lejn l-unjin konċernata, dan il-vinkolu kontrattwali m'huwiex qed jillimita d-drittijiet tal-unjin rikorrenti għaliex id-direttiva ta' union għandhom ikun immirati biex jagħmlu pressjoni fuq il-prinċipal tal-ħaddiema u fi kwalunkwe każ il-ħaddiema jridu jinforzaw id-drittijiet tagħhom kontra min jista' fil-fatt jindirizza l-ilmenti li qegħdin iressqu u mhux fuq terzi li għandhom biss relazzjoni kuntrattwali mal-prinċipal tagħhom.*

    *Għal dawn ir-raġunijiet u għal raġunijiet oħra li jistgħu jiġu avvanzati waqt is-smigħ ta' dan il-mandat, din il-Qorti għandha tiċħad ir-rikors għall-ħruġ tal-mandat odjern fil-konfront tal-Gozo Channel (Operations) Limited bl-ispejjeż kollha kontra r-Rikorrenti.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Permezz tal-azzjoni odjerna, il-*union* rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti tinibixxi lill-konvenuti jew lil min minnhom milli jibdew jew ikomplu jaqtgħu u jnaqqsu l-paga perċepita mill-ħaddiema tas-soċjetà intimata Executive Security Services Limited li ġew assenjati xogħol mal-kumpannija Gozo Channel (Operations) Limited bħala *cabin attendants* u baħrin, u dan wara li ħaddiema f’dawn il-gradi osservaw direttivi leġittimi mogħtija mir-rikorrenti l-*union* tagħhom, għaliex il-paga tagħhom hija inqas, komparata ma’ ta’ ħaddiema tas-soċjetà GCOL li jagħmlu l-istess xogħol ta’ *cabin attendants* u baħrin mal-istess kumpannija GCOL; milli jordnaw li ħaddiema ta’ ESSL li qegħdin jobdu direttivi tal-*union* joħorġu fuq *forced leave;* u milli jħallu barra lill-ħaddiema ta’ ESSL li qed jobdu direttivi leġittimi tal-*union* rikorrenti mir-*roster* li ta’ kull ġimgħa toħroġ mis-soċjetà intimata Gozo Channel (Operations) Limited għal *cabin attendants* u baħrin. Jirriżulta li għadd ta’ ħaddiema impjegati tas-soċjetà intimata Executive Security Services Limited, wara li din rebħet *tender* sabiex tissupplixxi lis-soċjetà intimata Gozo Channel (Operations) Limited b’ħaddiema li jistgħu jaħdmu bħala *cabin attendants* u baħrin, qegħdin isegwu għadd ta’ direttivi maħruġa mill-*union* rikorrenti li tirrappreżenta l-interessi tagħhom, u dan wara diversi lmenti li saru dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom. Jirriżulta li wara li għadd ta’ ħaddiema bdew josservaw dawn id-direttivi, li ngħataw wara li falla kull tentattiv għal djalogu soċjali bejn il-partijiet konċernati, uħud minnhom sabu li kellhom sigħat tal-*leave* imnaqqsa, b’tali mod li l-ġranet li fihom kienu qegħdin isegwu d-direttivi tal-*union* tqiesu bħala ġranet ta’ *leave,* filwaqt li l-baħrin li kienu qegħdin isegwu d-direttiva li ma

jorbtux vapuri, ma ddaħħlux fir-*roster* li nħareġ mill-intimata Gozo Channel (Operations) Limited, liema miżuri skont ir-rikorrenti huma miżuri ritaljatorji u intiżi biex ixejnu l-isforzi tal-*union* li qiegħda tużu l-għodda legali għad-dispożizzjoni tagħha sabiex iġġib kundizzjonijiet aħjar għall-ħaddiema membri tagħha.

Min-naħa tagħha l-intimata Gozo Channel (Operations) Limited wieġbet li hi m'għandha l-ebda rabta legali jew ġuridika mal-*union* rikorrenti jew mal-ħaddiema li tirrappreżenta, peress li dawn huma ingaġġjati direttament mill-kuntrattur li rebaħ it-*tender* għall-provvista ta' ħaddiema, u ċjoè is-soċjetà intimata Executive Security Services Limited. Qalet ukoll li hija mhijiex responsabbli għat-teħid tal-*leave* tal-ħaddiema inkwistjoni jew għall-pagi tagħhom. Is-soċjetà intimata GCOL qalet li hija hi li toħroġ ir-*rosters* tal-ħaddiema, u ssostni li baħrin li jiddeċiedu li ma jorbtux il-vapur m'għandhomx jitħallew jitilgħu fuq il-vapur anki għal raġunijiet ta' sigurtà tal-vapur u tal-passiġġieri. GCOL tgħid li essenzjalment m'hemmx il-ħtieġa ta' baħrin fuq vapur jekk dawn qegħdin isegwu direttiva tal-*union* rikorrenti biex ma jorbtux il-vapur. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, is-soċjetà intimata GCOL qajmet dubji dwar jekk il-Mandat għandux jintlaqa' jew le fil-konfront tagħha.

Is-soċjetà intimata **Executive Security Services Limited** (minn issa 'l quddiem "ESSL") ma pparteċipat bl-ebda mod la fit-taħdidiet li saru u lanqas ma ressqet risposta jew b'xi mod ipparteċipat f'dawn il-proċeduri legali.

## **Provi u riżultanzi**

Il-*union* rikorrenti ppreżentat kopja tal-korrispondenza relatata ma' din it-tilwima industrijali, bit-tentattivi li saru għal konċiljazzjoni u bid-direttivi maħruġin minnha li l-ħaddiema ntalbu jsegwu.[3]

Fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2018, xehed **Ramon Francalanza**, *manager* fit-Taqsima Manifattura u Kummerċ tal-Union Ħaddiema Magħqudin, li qal li hu jirrappreżenta l-ħaddiema membri kollha li jaħdmu fis-settur privat. Ix-xhud spjega kif din it-tilwima bdiet wara li Gozo Channel (Operations) Limited bdiet tagħmel użu minn għadd ta' kuntratturi li tieħu servizzi mingħandhom, fosthom għal xogħol ta' *cabin attendants* u baħrin, u rriżulta li l-ħaddiema li bdew jiġu pprovduti minn ESSL, il-kuntrattur li rebaħ it-*tender,* bdew jitħaddmu b'kundizzjonijiet tax-xogħol, fosthom fis-salarji li jitħallsu, inferjuri għal dawk li għandhom ħaddiema li jagħmlu xogħol identiku u fl-istess grad, iżda li jaħdmu direttament ma' Gozo Channel (Operations) Limited. Ix-xhud spjega li meta l-*union* avviċinat lill-kuntrattur, dan wieġeb li hu kien qiegħed jimxi mal-parametri tat-*tender*, filwaqt li rrifjuta li jipparteċipa f'aktar diskussjonijiet. Ix-xhud spjega li ladarba l-*union* ma waslitx għal ftehim mal-kuntrattur, jew ma' min ta l-kuntratt, huma involvew lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali, fejn intalbet laqgħa ta' konċiljazzjoni wara li ġiet irreġistrata tilwima industrijali. Qal li meta dawn id-diskussjonijiet ma wasslu għal imkien, ġie deċiż li l-*union* toħroġ għadd ta' direttivi li ngħataw lill-membri tagħha. Ix-xhud qal li r-reazzjoni tal-intimati fir-rigward tal-ħaddiema li għażlu li josservaw dawn id-direttivi

[3] *A fol.* 9 *et seq.* tal-proċess.

kienet inkwetanti u dan minħabba li wara li nħarġu s-salarji ta' Ottubru, kien hemm min tpoġġa fuq *forced leave,* filwaqt li kien hemm ħaddiema li saħansitra rċevew telefonata mingħand iċ-*Chairman* tal-Gozo Channel li staqsihom jekk kinux ser josservaw id-direttivi tal-*union.* Dawk il-ħaddiema li wieġbu li kienu ser josservaw id-direttivi tal-*union*, spiċċaw ma ddaħħlux fir-*roster,* u darba minnhom ir-*roster* inbidel biex ġew esklużi ħaddiema li qalu li kienu qegħdin josservaw id-direttivi. Ix-xhud qal li dan l-aġir jammonta għal intimidazzjoni, u li l-*union* tinsab urtata minħabba li jidhrilha li l-unika għodda li għandha biex tħares il-jeddijiet tal-ħaddiema tagħha, qiegħda tiġi maħnuqa. Huwa spjega li filwaqt li r-responsabbilità għall-ħruġ tas-salarji u għal-*leave* hi tal-kuntrattur, kienet il-Gozo Channel li qalgħet il-ħaddiema mir-*rosters* meta dawn kienu kkonfermaw li kienu ser isegwu d-direttivi tal-*union.*

Fl-istess udjenza xehed **Josef Vella**, il-Kap Eżekuttiv tal-*union* rikorrenti, li kkonferma li ġiet ippreżentata talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni wara li kkrolla l-proċess tad-djalogu soċjali fir-rigward tat-tilwima industrijali li nqalgħet bejn il-partijiet, u kellha tiġi kkunsidrata azzjoni legali bl-għan aħħari li jiġu protetti l-interessi tal-ħaddiema membri tagħha. Qal ukoll li l-Mandat sar sabiex il-*union* tasserixxi d-dritt tagħha li tieħu azzjoni, u sabiex tipproteġi r-reputazzjoni tagħha bħala *union.*

## **<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm

persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-Mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora*;[4]

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

[4] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech pro et noe *vs. Stephanie* Manfré** – Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et *vs.* Carmelo Barbara et**[5]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb et noe *vs.* Marin Hili et noe** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".

Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92) u **Victor Mizzi *vs.* Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina *vs.* Fithome Limited**.[6]

[5] P.A., 13.05.2014.
[6] P.A., 28.01.2005.

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[7] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn

[7] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**[8]:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-

[8] P.A., 25.01.2005.

> rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[9]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[10]

**Ikkuonsidrat:**

It-talba tal-*union* rikorrenti għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni saret sabiex il-Qorti żżomm lill-konvenuti milli jieħdu xi tip ta' azzjoni ritaljatorja fil-konfront tal-ħaddiema li qegħdin isegwu direttivi maħruġa mill-*union* inkwistjoni. Din l-azzjoni legali nbdiet wara li l-*union* rikorrenti kienet ħarġet għadd ta' direttivi li ġew segwiti mill-ħaddiema, u kien hemm ċerti konsegwenzi, uħud minnhom imposti mis-soċjetà ESSL li tingaġġja lil dawn il-ħaddiema b'mod

---

[9] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[10] **Marica Cassar et *vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A., 27.12.16.

dirett, filwaqt li li l-Gozo Channel (Operations) Limited ħasset li m'għandhiex iddaħħal għax-xogħol lil dawk il-baħrin li kienu qegħdin isegwu d-direttiva li ma jagħmlux xogħol ta' rbit tal-vapuri, billi eliminathom mir-*roster*. Għall-Qorti huwa ċar li dak li għamlet l-*union* hu motivat mill-ħtieġa li din tipproteġi l-interessi tal-ħaddiema imsieħba magħha f'ċirkostanzi fejn hemm trattament differenti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol bejn ħaddiema li huma impjegati direttament mal-GCOL u ħaddiema li huma ingaġġjati direttament mill-ESSL. Il-prinċipju li mmotiva dawn il-proċeduri legali huwa li l-ebda *employer* m'għandu jieħu azzjoni ritaljatorja kontra min qiegħed isegwi direttivi leġittimi maħruġa mill-*union* li tirrappreżentah u t-talbiet speċifiċi li saru għal dan il-għan huma biex il-Qorti żżomm lill-intimati jew lil min minnhom milli jnaqqsu l-pagi tal-ħaddiema li qegħdin isegwu d-direttivi tal-*union*, milli jġiegħlu lill-ħaddiema li qegħdin isegwu d-direttivi tal-*union* milli joħorġu fuq *forced leave* u milli jonqsu milli jdaħħlu lil dawn il-ħaddiema fir-*roster* tax-xogħol. Tqis illi għall-ewwel żewġ talbiet għandha tirrispondi s-soċjetà intimata ESSL li hi responsabbli mill-ħlas lill-ħaddiema u minn kwistjonijiet marbuta ma' sigħat ta' xogħol u *leave,* filwaqt li r-*roster* tax-xogħol jinħareġ minn GCOL direttament. Waqt it-trattazzjoni, l-avukat difensur tal-*union* qal li dan l-aġir jammonta għal intimidazzjoni lill-*union,* u għalhekk b'mod indirett b'dan il-Mandat l-*union* qiegħda titlob lill-Qorti tipproteġiha milli tkompli tiġi intimidata, sabiex din tkun tista' tibqa' tagħti d-direttivi meħtieġa lill-ħaddiema li tirrappreżenta.

Il-Qorti kkonsidrat li s-soċjetà ESSL ma ħadet l-ebda pożizzjoni f'din il-kwistjoni, tant li lanqas biss irrispondiet għar-rikors promotur u ma kinitx rappreżentata f'dawn il-proċeduri. Min-naħa tagħha l-intimata GCOL qalet li kien hemm ħtieġa

li jinbidel ir-*roster* minħabba li jekk il-kuntrattur ser jibgħatilha baħrin li fuq direttiva tal-union tagħhom ma jorbtux il-vapuri, il-GCOL m'għandhiex għalfejn ittella' lil dawn il-ħaddiema fuq il-vapur u lanqas m'hemm il-ħtieġa li dawn jiddaħħlu fir-*roster,* għaliex jekk tagħmel dan tkun qiegħda taċċetta ksur tal-vinkolu kontrattwali li hemm bejnha u bejn il-kuntrattur, li pprometta li ser jipprovdi ħaddiema li jistgħu jagħmlu xogħol ta' baħrin. Is-soċjetà intimata GCOL wieġbet billi qalet li hi min-naħa tagħha mhi tagħmel xejn li jmur kontra d-direttivi maħruġa mill-*union,* iżda dak li qed tagħmel qiegħed isir biex hija tipproteġi d-drittijiet kontrattwali tagħha.

Il-Qorti analizzat is-sitwazzjoni li żvolġiet bejn it-tliet partijiet f'din il-kwistjoni. M'hemm l-ebda dubju li l-*union* rikorrenti għandha kull dritt li toħroġ dawk id-direttivi li hi tħoss li jistgħu ikunu effettivi biex jindirizzaw l-ilmenti tal-ħaddiema li tirrappreżenta, u li l-ebda *employer* m'għandu jagħmel xejn biex ixekkel jew biex jiddiskrimina jew jirritalja kontra ħaddiem li jkun qiegħed isegwi direttiva leġittima maħruġa mill-*union* li tirrappreżentah. F'dan ir-rigward, jekk l-intimati jew min minnhom jagħżlu li jġibu ruħhom b'mod li jista' jiġi interpretat li qiegħed jintimida lill-ħaddiema b'mod tali li dawn ma jifdlilhom l-ebda għażla ħlief li jinjoraw id-direttivi tal-*union* li tirrappreżentahom, u għalhekk ir-rwol ta' dik l-*union* jisfa mxejjen fit-tilwima industrijali li tkun ġiet irreġistrata bejn il-*union* tal-ħaddiema u l-prinċipal tagħhom, f'dak il-każ ikun hemm ksur *prima facie* tal-jeddijiet tal-*union* li mhix titħalla tagħmel użu mill-għodda li għandha f'idejha sabiex tipproteġi l-interessi tal-membri tagħha. Il-Qorti fehmet li quddiem sitwazzjoni fejn il-kuntrattur li qiegħed jimpjega lill-ħaddiema rappreżentati mill-*union* qiegħed jirrifjuta li jattendi għal-laqgħat, u li

jirrikonoxxi li hemm kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati, l-*union* ma kien fadlilha l-ebda triq oħra ħlief li tirrikorri għad-direttivi. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti tqis li almenu fil-livell ta' *prima facie* hemm leżjoni tal-jeddijiet tar-rikorrenti stante l-ħaddiema li tirrappreżenta qegħdin iħossuhom kostretti li jkun aħjar għalihom jekk ma jsegwux id-direttivi leġittimament maħruġa minnha. Dan għaliex tali aġir jista' jwassal biex saħansitra jikkomprometti r-rilevanza tal-*unions* mwaqqfa bl-iskop li jipproteġu l-jeddijiet tal-ħaddiema membri tagħhom. Hu għalhekk ukoll li l-Qorti tqis li *prima facie* jirriżulta sodisfatt l-element tal-*periculum in mora* stante li l-*union* rikorrenti ser issofri ħsara għall-jeddijiet tagħha f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma tintlaqax almenu sakemm ikun hemm deċiżjoni dwar il-mertu.

Il-Qorti kkonsidrat ukoll jekk jirriżultax sodisfatt l-element tal-preġudizzju irrimedjabbli fir-rigward tal-*union* rikorrenti, sabiex tara jekk hemmx lok għall-ħruġ tal-Mandat. Jirriżulta li filwaqt li l-kwistjonijiet marbuta mat-tnaqqis fil-pagi u mat-teħid tal-*leave* forzat huwa direttament responsabbli għalihom il-kuntrattur (ESSL), il-kwistjoni ta' min jiġi mdaħħal fir-*roster* taqa' taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Gozo Channel (Operations) Limited, li għall-finijiet ta' provvista tal-ħaddiema li jkollha bżonn għall-operat tagħha, ingaġġjat is-servizzi tal-kuntrattur li qiegħed jipprovdi l-ħaddiema meħtieġa għal dan il-għan. Il-Qorti tqis li l-aġir tas-soċjetà ESSL li intimidat lill-ħaddiema tagħha billi naqqsitilhom il-pagi u s-sigħat tal-*leave* għal dawk il-ġranet li kienu qegħdin isegwu direttivi tal-*union,* huwa aġir li jħalli konsegwenzi li ma jistgħux jiġu rimedjati mod ieħor, kemm għall-ħaddiem li jsofri tali tnaqqir fil-paga u fil-*leave* tiegħu, kif ukoll għall-*union* li f'sitwazzjoni bħal din ma tistax tkun effettiva jew rilevanti, għaliex

huwa evidenti li din ser issib ruħha f'sitwazzjoni fejn ma tistax tuża l-unika għodda li għandha biex tassigura kundizzjonijiet aħjar għall-ħaddiema rappreżentati minnha. Mingħajr ma tidħol fil-mertu ta' din it-tilwima industrijali, il-Qorti kkonsidrat ix-xhieda ta' Ramon Francalanza, li qal li fil-każ ta' wħud minn dawn il-ħaddiema hemm differenza ta' aktar minn €2 fis-siegħa bejn ħaddiem impjegat direttament mal-kuntrattur u ħaddiem impjegat mal-Gozo Channel. Hu evidenti li ħaddiem li jipperċepixxi t-tip ta' dħul li ssemma quddiem il-Qorti, mhux ser jissogra l-introjtu tiegħu u tal-familja tiegħu billi jsegwi d-direttivi tal-*union* u minflok se jkun kostrett li ma jsegwix tali direttivi u f'sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jinqalgħu fil-futur, jibda jaħseb li jkun aħjar għalih li ma jressaqx l-ilmenti tiegħu permezz tal-*union* li tirrappreżentah.

Tqis illi jirriżultaw sodisfatti l-elementi meħtieġa biex il-Qorti tilqa' t-talba tal-*union* rikorrenti sabiex tinibixxi lis-soċjetà intimata ESSL milli tippersisti bl-aġir tagħha fejn taqta' jew tnaqqas il-pagi tal-ħaddiema tagħha u/jew fejn dawn il-ħaddiema jitpoġġew fuq *forced leave,* b'ritaljazzjoni għax l-imsemmija ħaddiema jkunu qed isegwu direttivi leġittimi maħruġa mill-*union* rikorrenti.

Jifdal fl-aħħar nett il-kwistjoni ta' kif GCOL naqset milli ddaħħal fl-iskeda tax-xogħol lill-ħaddiema ta' ESSL li kienu qegħdin jaħdmu ta' baħrin magħha u li kienu qegħdin isegwu d-direttiva tal-*union* rikorrenti li ma jorbtux vapuri. Jidher li dawn il-ħaddiema tneħħew mir-*roster* wara li huma stess ikkonfermaw li kienu ser jobdu d-direttivi mogħtija mill-*union* rikorrenti, fosthom dik li ma jorbtux il-vapuri. F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li wieħed mir-rwoli ewlenin li baħri għandu fuq vapur, huwa proprju l-irbit tal-vapur meta dan jasal mal-moll,

u li f’każ li baħrin jonqsu milli jagħmlu dan ix-xogħol, x’aktarx li ma jkunx hemm ħtieġa tagħhom fuq il-vapur. Il-Qorti qieset ukoll li f’każ li fuq il-vapur ma jkunx hemm biżżejjed persuni li jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol, tista’ tiġi kompromessa s-sigurtà tal-passiġġieri u tal-vetturi abbord, kif ukoll tista’ tiġi affettwata l-iskeda tat-tluq u l-wasla tal-vapuri, fattur dan li f’perijodi partikolari tas-sena jkollu diversi konsegwenzi, kemm għall-persuni li jkunu qegħdin jivvjaġġaw bejn iż-żewġ gżejjer għal raġunijiet varji, fosthom ta’ xogħol, visti fl-Isptar, edukazzjoni, negozju, kif ukoll għas-servizz pubbliku li s-soċjetà intimata Gozo Channel għandha l-obbligu li tipprovdi. F’dan ir-rigward il-Qorti qieset li f’każ li l-baħrin inkwistjoni ser jibqgħu jiġu inklużi fir-*roster* anki jekk dawn jirrifjutaw li jorbtu l-vapuri, hija l-GCOL li ser issofri preġudizzju irrimedjabbli u mhux l-*union* rikorrenti. Minnu li l-*union* rikorrenti d-direttivi li tagħti iridu jolqtu fil-laħam il-ħaj lill-*employer* b’mod li jġiegħluh almenu jikkonsidra t-talbiet tal-ħaddiema tiegħu, iżda f’dan il-każ ġie kkonsidrat ukoll li l-preżenza ta’ għadd ta’ baħrin fuq il-vapur li jirrifjutaw li jagħmlu xogħol ta’ irbit tal-vapur, tista’ tikkawża preġudizzju irrimedjabbli lill-kumpannija Gozo Channel, u dan in vista tal-mod kif dan jista’ jolqot lil terzi kif spjegat diġà. In vista tal-fatt li l-elementi meħtieġa għall-ilqugħ ta’ mandat ta’ din ix-xorta huma kumulattivi u mhux alternattivi, il-Qorti hi tal-fehma li dan il-mandat m’għandux jiġi milqugħ fil-konfront tas-soċjetà intimata Gozo Channel (Operations) Limited, iżda biss fil-konfront tas-soċjetà intimata Executive Security Services Limited.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tilqa’ t-talba tal-*union* rikorrenti għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni limitatament fil-konfront tas-soċjetà intimata Executive Security Services Limited, filwaqt li qiegħda tirrevoka l-effetti tad-digriet tagħha tas-27 ta’ Novembru, 2018 sa fejn kienet laqgħet provviżorjament it-talba għall-ħruġ tal-Mandat fir-rigward ukoll tal-intimata Gozo Channel (Operations) Limited, stante li ma jirriżultawx sodisfatti r-rekwiżiti meħtieġa sabiex it-talbiet tal-*union* rikorrenti jintlaqgħu fil-konfront tas-soċjetà intimata Gozo Channel (Operations) Limited.**

**Bl-ispejjeż ta’ din il-proċedura jitħallsu mis-soċjetà intimata Executive Security Services Limited.**

Mogħti kameralment fis-17 ta’ Diċembru, 2018.